**QORTI TAL-MAGISTRATI ( MALTA )**

BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI

MAGISTRAT:

DR JOSEPH CASSAR BA.,LL.D.

**Il-Pulizija**

(Spettur David Saliba)

**vs**

**Gilbert Caruana**

Illum 26 ta` Settembru 2001

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat Gilbert Caruana ta` 18 il-sena, bin Nazzareno u Madeline nee` Duca imwieled Pieta` fl-24 ta` April 1981 u joqghod 128 Dar il-Ghabex, Triq San Filep, Hal-Ghaxaq, ID 217581 (M);

Talli f`dawn il-Gzejjer, f`dawn l-ahhar snin, b`diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b`rizoluzzjoni wahda;

Talli fil-Malta International Airport gewwa l-Gudja, fit-30 ta` Jannar 1998 ghall-habta tal-4.00 am., ikkommetta serq ta` vettura (vann) tal-ghamla Mazda bin-numru tar-registrazzjoni EAP-815 li huwa stmat li jiswa aktar minn elf lira maltin u dan ghad-dannu tal-Kumpannija Millers Distributors liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, hin, valur u bix-xorta tal-haga misruqa.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bil-hsieb li taghmel uzu temporanju tal-vettura EAP 815 tal-ghamla Mazda soqt l-imsemmija vettura minghajr ma kellek il-kunsens ta` sidha jew awtorita` legittima ohra.

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi xjentement ilqajt ghandek jew xtrajt hwejjeg misruqa, mehuda b`qerq, jew akkwistati b`reat sew jekk dan sar f`Malta jew barra minn Malta jew xjentement, b`kull mod li jkun indhalt biex tbieghhom jew tmexxihom.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, b`nuqqas ta` hsieb, bi traskuragni jew b`nuqqas ta` hila tal-arti jew professjoni tieghek, jew b`nuqqas ta` tharis tar-Regolamenti ikkagunajt hsara fuq l-imsemmi vann bin-numru tar-registrazzjoni EAP-815 liema hsara tiskorri il-hamsin lira maltin.

Talli fil-Qasam Industrijali ta` Kordin, nhar it-30 ta` Jannar 1998, filghodu, ikkommettejt serq ta` vettura (van) tal-ghamla Isuzu bin-numru tar-registrazjoni, Z-2226, li huwa stmat li

jiswa aktar minn elf lira maltin u dan ghad-dannu tal-Kumpannija “Boxit” Limited, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa.

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, xjentement ilqajt ghandek jew xtrajt hwejjeg misruqa, mehuda b`qerq, jew akkwistati b`reat, sew jekk dan sar f`Malta, jew barra minn Malta, jew xjentement b`kull mod li jkun indhalt biex tbieghhom jew tmexxihom.

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, b`nuqqas ta` hsieb, bi traskuragni jew b`nuqqas jew b`nuqqas ta` hila fl-arti jew professjoni tieghek, jew b`nuqqas ta` tharis tar-Regolamenti, ikkagunajt hsara fuq l-imsemmi vann bin-numru tar-registrazzjoni Z-2226, liema hsara tiskorri il-hamsin lira maltin, kif ukoll fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkagunajt hsara volontarja fuq zewg vetturi bin-numru tar-registrazzjoni JAA – 216 u TFC – 270 u dan ghad-dannu tal-Maltacom.

Talli minn Hal-Ghaxaq fid-19 ta` Frar 1998, bil-lejl, ikkommettejt serq ta` vettura Ford Fiesta bin-numru tar-registrazzjoni JAO – 534 li hija stmata li tiswa aktar minn elf lira maltin, ghad-dannu ta` Joseph Spiteri minn Hal-Ghaxaq, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement ilqajt ghandhek jew xtrajt hwejjeg misruqa, mehuda b`qerq, jew

akkwistati b`reat sew jekk dan sar f`Malta jew barra minn Malta jew xjentement, b`kull mod li jkun indhalt biex tbieghhom jew tmexxihom.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, b`nuqqas ta` hsieb, bi traskuragni jew b`nuqqas ta` hila tal-arti jew professjoni tieghek, jew b`nuqqas ta` tharis tar-Regolamenti ikkagunajt hsara fuq l-imsemmija vettura bin-numru tar-registrazzjoni JAO-534 liema hsara tiskorri l-hamsin lira maltin.

Talli fl-20 ta` Frar 1998 f`Hal-Ghaxaq, bil-lejl, ikkommettejt serq ta` 'brief-case' li hija stmata li tiswa aktar minn ghaxar liri izda anqas minn mitt lira minn vettura bin-numru tar-registrazzjoni mhux maghruf u dan ghad-dannu ta` Victor Buhagiar minn Hal-Ghaxaq liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin, bix-xorta tal-haga misruqa.

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, xjentement ilqajt ghadek jew xtrajt hejjeg misruqa, mehuda b`qerq jew akkwistati b`reat sew jekk dan sar f`Malta jew barra minn Malta jew xjentement b`kull mod li jkun indhalt biex tbieghhom jew tmexxihom.

Talli fl-istess zminijiet f`diversi hinijiet u f`diversi postijiet differenti soqt minghajr licenzja tas-sewqan (Grupp B) mahruga mill-Kummissarju tal-Pulziija ghaldaqstant ma kontx kopert b`polza ta` assigurazzjoni kotra terzi persuni.

Talli f`dawn l-ahhar zminijiet f`hinijiet differenti f`postijiet differenti soqt diversi vetturi bi traskuragni u b`manjiera perikoluza.

Rat in-nota ta` l-Avukat Generali tas-17 ta` Frar 2000.

Rat li l-akkuzat ma oggezzjonax li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat li l-akkuzat ammetta l-akkuzi migjuba kontrih.

Semghet it-trattazzjoni tad-difiza u tal-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Issibu hati.

Rat l-Artikoli 18, 261 (b)(c)(f)(g), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 271,278, 330, 279, 280, 281, 325 (b), 17(b), 20, 31, 23, u 533 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll l-Artikoli 15, 18, 24 tal-Kapitolu65, l-Artikolu 3 u 22 tal-Kapitolu 104 ul-Artikolu 5 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta` Malta.

Jidhrilha li ghandha tapplika l-imsemmi Artikolu 5 (1) tal-Kapitolu 152, stante li l-kondotta nadifa tal-hati u qed tohrog Ordni ta` Probation u tordna l-hati li **ghal perijodu**

**ta` tlett snin ghandu joqghod taht il-harsien tal-Probation Officer Miriam Falzon Sevasta** u ghandu jissokta jiehu l-kura psikjatrika mehtiega.

Il-Qorti tordna d-divjett ta` kull publikazzjoni ta` isem il-hati.

Vera kopja.

Dr Joseph Cassar

MAGISTRAT

L Spiteri Bailey

Dep Reg.